MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-22 ta' Frar, 2007

Appell Kriminali Numru. 21/2007

Il-Pulizija
(Spt. J. Hersey)

Vs

Keith Camilleri

Il-Qorti;

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellat quddiem il-Qorti Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli :

1. nhar l-20 t'April, 2006, ghall-habta tas-2.15 p.m., fl-inhawi ta' Ta' Qali, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja jew jiehu ghasafar f'santwarju tal-ghasafar u dan bi ksur tal-Avviz Legali 79/2006, Art. 24(c);

2. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu jew taht il-kontroll tieghu arma tan-nar u munizzjon jew xi mezz iehor biex jikkaccja minghajr ma ghandu licenzja mahruga f'ismu minghand il-Kummissarju tal-Pulizija w dan bi ksur tal-Avviz Legali 79/2006, Art 4(a);
3. fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi, kellu fil-pussess tieghu arma u/jew munizzjon barra minn fond minghajr licenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;
4. fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi bhala pussessur ta' licenzja taht l-Artikolu 3 tal-Kapitolu 66, naqas li jhares il-kundizzjonijiet imsemmija f'dik il-licenzja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-17 ta' Jannar, 2007, li biha, wara li rat l-Avviz Legali 79/2006, Art 24(c) kif ukoll l-Avviz Legali 79/2006, Art 4(a), iddikjarat dawn il-proceduri ezawrit (Sic!).

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali, minnu pprezentat fit-30 ta' Jannar, 2007, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w minflok, wara li tkun ordnat in-notifika lill-akkuzat tal-akkuzi migjuba kontra tieghu w tkun semghet il-provi kollha tal-prosekuzzjoni ammissibbli skond il-ligi, ssib lill-appellat hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu w tinfliggi l-piena skond il-ligi.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat illi l-aggravju tal-appellant Avukat Generali, fil-qosor, huwa s-segwenti w cioe':- li l-Ewwel Qorti ddikjarat il-procediment ezawrit minghajr bazi fil-ligi w li ppronunzjat sentenza fl-assenza tal-appellat u dan kontra l-ligi u l-gurisprudenza. Dan jirrendi s-sentenza appellata nulla w bla effett.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat;

Illi dan l-appell hu manifestament fondat ghal diversi ragunijiet.

Fil-motivazzjoni taghha ghad-decizjoni li tat l-Ewwel Qorti qalet testwalment hekk:-

"*Illi wara li hadet in konsiderazzjoni li l-imputat ghal diversi drabi baqa' ma giex notifikat u lanqas gie indikat kemm, jew jekk saru xi tentattivi biex jigi notifikat skond il-ligi, minhabba f' dan id-dewmien zejjed u mhux gustifikat, il-Qorti tiddikjara dawn il-proceduri ezawrit."* (Sic!)

Fl-ewwel lok l-Ewwel Qorti qatt ma setghet taghti xi forma ta' sentenza, anki dik fejn iddikjarat il-procediment ezawrit, fl-assenza tal-appellat, (ara: App.Krim : **"Il-Pulizija vs. Carmelo Azzopardi"** [17.3.2000] u ohrajn.). Hlief fil-kaz fejn l-akkuzat ikun miet u ghalhekk zgur li ma jkunx jista' jidher quddiem il-Qorti, u hlief fejn ikun hemm prokura f' kazijiet ta' ammissjoni ta' certi kontravvenzjonijiet u fejn jidher haddiehor ghalih b' dik il-prokura, (art. 374 (a) tal-Kap. 9) ma tistax tinghata sentenza fl-assenza tal-akkuzat. Dan mhux il-kaz ghax l-appellat ghadu haj u ma deher hadd bi prokura ghalih, apparti li dan mhux kaz minn dawk fejn jista' jidher xi hadd ghalih bi prokura. L-artikolu 375(a) jiddisponi li l-imputat ghandu jidher huwa nnifsu.

Ghalhekk is-sentenza trid tigi annullata anki fuq dan biss.

Pero', biex ma jigix ripetut l-izball l-iehor li tikkontjeni s-sentenza appellata, din il-Qorti thoss li jkun opportun ukoll li tidhol fl-ewwel aggravju w cioe' li dan mhux kaz fejn l-Ewwel Qorti setghet tiddikjara l-procediment ezawrit. Il-kazijiet fejn il-procediment jista' jigi dikjarat ezawrit u cioe' fejn tigi dikjarata estinta l-azzjoni kriminali, huma delineati tassattivament mil-ligi u/jew mill-gurisprudenza. Dawn huma fejn l-akkuzat ikun miet fil-mori tal-process jew qabel, fejn tigi rtirata l-kwerela - f'dawk il-kazijiet fejn il-procediment ma jkunx jista' jinbeda' jew jitmexxa' minnghajr il-kwerela tal-parti leza; fejn tinghata il-mahfra; fejn l-azzoni tigi dikjarata preskritta u fejn ikun hemm ir-res

judicata, **“mors, remissio, indulgentia principis, praescriptio et res judicata”** (Ara : **Prof. Sir. A. Mamo**. “Notes on Criminal Procedure” (1958 edit.) p.29 et. seq.)

Certament in-nuqqas ta’ dehra tal-akkuzat, sija jekk ikun notifikat u sija jekk ma jkunx, ma hix wahda fejn il-Qorti tista’ jew ghandha tiddikjara l-azzjoni kriminali estinta.

Fil-waqt li din il-Qorti tista’ forsi tifhem il-frustrazzjoni li laqtet lill-Ewwel Qorti meta rat li ghal xhur shah l-appellat ma giex notifikat biex jidher quddiemha, r-rimedju ma kienx dak li rrikorriet ghalih. Setghet ghamlet verbal u ordnat il-komunika tieghu lill-Kummissarju tal-Pulizija biex jiehu l-passi biex jizgura n-notifika tal-appellat jew, al massimu, setghet iddifferiet il-kawza *sine die* rijappuntabbli fuq rikors tal-Kummissarju tal-Pulizija, wara li dan jipprova ghas-sodisfazzjon taghha li l-appellat gie rintraccjat u li setghet issir in-notifika tieghu bil-komparixxi. Imma mhux li tiddikjara l-procediment ezawrit.

Ghalhekk is-sentenza appellata hija nulla taht zewg aspetti.

Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti qed tilqa’ l-appell tal-Avukat Generali w tiddikjara s-sentenza appellata nulla w bla effett, pero’ biex ma tipprivax lill-partijiet mill-beneficcju tad-doppio esame, qed tordna lid-Deputat Registratur biex jirrinvija l-process lura lill-Ewewl Qorti biex, wara li jigi notifikat l-appellat mill-gdid, il-kaz jerga’ jinstema w jigi deciz mill-gdid skond il-ligi.

Il-Qorti tara li f’ dan il-kaz, peress li l-Ewwel Qorti, kif preseduta, ma ghamlet ebda pronuncjament fil-mertu, ma hix prekluza milli tisma’ l-kaz hi stess u ghalhekk il-kaz ma jkollux ghalfejn jigi assenjat lil xi Magistrat iehor.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------